MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH GALEA DEBONO

Seduta ta' l-10 ta' Marzu, 2005

Appell Kriminali Numru. 279/2004

**Il-Pulizija**

**Vs**

Paolo Miguel da Costa Osario

**Il-Qorti,**

**Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fit-23 ta' Mejju, 2004 ghall-habta ta' 20.35 hrs fi Triq il-Marina, M'Scala, waqt li kien qed isuq jew kellu fil-pussess tieghu vettura numru LCG-079:**

**1) saq jew ipprova jsuq jew kellu kontroll ta' l-imsemmija vettura fit-triq jew f'post pubbliku meta ma kienx f'kundizzjoni li jsuq minhabba xorb jew drogi;**

**2) naqas jew irrifjuta li jaghti kampjun tan-nifs skond il-Ligi;**

**3) saq l-istess vettura b'manjiera perikoluza;**

**4) b'manjiera traskurata;**

**5) b’manjiera bla kont;**
**6) saq l-imsemmija vettura minghajr licenzja tas-sewqan meta kien skwalifikat minn kull licenzja tas-sewqan, b’hekk sar recediv b’sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) datata 12 ta’ Mejju, 2004 (Mag. Dr. A.J. Vella LL.D);**
**7) b’hekk ma kienx kopert b’polza tas-sigurta dwar riskji tat-terzi persuni;**
**8) fl-istess data ghall-habta ta’ 21.45 hrs gewwa l-ghassa tal-Pulizija ta’ Haz-Zabbar, kiser il-bon ordni u l-paci pubblika b’ghajjat u glied;**
**9) qal kliem fahxi li jikkonsisti f’dagha f’post pubbliku jew espost ghall-pubbliku.**

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tal-24 ta' Novembru, 2004, li biha, wara li rat l-Artikolu 15(a)(e) tal-Kap. 65, l-Artikolu 3(1) tal-Kap. 104, l-Artikolu 15(1)(a)(2) tal-Kap. 65, l-Artikolu 338(dd) tal-Kap. 9, l-Artikolu 342 tal-Kap. 9, l-Artikolu 59 tal-Kap. 65 u l-Artikolu 49 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, illiberat lill-imputat mit-tieni akkuza migjuba kontra tieghu w sabitu hati tal-akkuzi l-ohra kif dedotti w ikkundannatu xahrejn detenzjoni w skwalifikatu mill-licenzji tas-sewqan tieghu ghal perjodu ta’ sena.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fis-6 ta’ Dicembru, 2004, li bih talab lil din il-Qorti joghgobha tirrevoka s-sentenza appellata w tillibera lill-appellant minn kull htija w imputazzjoni skond il-Ligi u f'kaz illi xorta wahda issib htija fl-appellant tirriforma s-sentenza billi tissostitwixxi ghas-sentenza komminata, dik il-piena inqas severa kif din il-Qorti jidhrilha xierqa.

Fliet l-atti kollha processwali.
**Rat il-verbal tal-Prosekuzzjoni tas-seduta tal-lum, li bih eccepiet in-nullita’ tar-rikors tal-appell ghaliex minnflok intalbet ir-riforma tas-sentenza appellata, ntalbet ir-revoka taghha w dan imur kontra dak li jinghid fl-artikolu 419 ( c );**

**Semghet it-trattazzjoni dwar dan il-punt ;**

**Rat ir-rikors tal-appellant tal-lum stess ghas-sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza;**

**Rat id-digriet taghha tal-lum stess fejn cahdet din it-talba;**

**Ikkonsidrat ;**

**Illi fil-fatt fil-kaz in ezami l-appellant instab hati tal-imputazzjonijiet kollha hlief tat-tieni imputazzjoni w gie kundannat ghal xaharejn detenzjoni w skwalifikat mill-licenzji kollha tieghu tas-sewqan ghal zmien sena. B'dana kollu, fir-rikors tal-appell tieghu l-appellant talab li din il-Qorti "***tirrevoka s-sentenza appellata* **" u tilliberah minn kull htija w imputazzjoni skond il-ligi. Kien umbaghad biss subordinatament u "f' kaz illi xorta wahda issib htija fl-appellant" li din il-Qorti giet mitluba li "tirriforma s-sentenza appellata , billi tissostitwixxi ghas-sentenza komminata dik il-piena inqas severa kif din il-Qorti jidhrilha xierqa." Dan ifisser li fejn si tratta tal-htija t-talba kienet ghar-revoka w mhux ghar-riforma .**

**Ikkonsidrat ;**

**Li hemm lista formidabbli ta' decizjonijiet ta' din il-Qorti diversament preseduta fejn dejjem giet dikjarata n-nullita' tal-appell - liema nullita' hija anki** sollevabbli "ex officio" **- ghaliex dejjem gie ritenut li, meta talba kellha tkun dik ta' riforma jew varjazzjoni tas-sentenza, izda, minnflok tintalab ir-revoka taghha, dan igib bhala konsegwenza li ma jkunx gie osservat il-paragrafu (c) tas-subartikolu (1) tal-Artikolu 419 tal-Kodici Kriminali , b'mod ghalhekk li l-istess rikors tal-appell ikun null . (App. Krim.** Pul. vs. Mario Camilleri" **– [3.12.2001];** Il-Pulizija vs. Joe Borg **[21.7.1995] u ohrajn ).**

**Illi din il-Qorti diversament preseduta dahlet *funditus* f'din il-kwistjoni fl-appell kriminali** "Il-Pulizija vs. Joseph Galea **[ 30.6.1995]) Per V. De Gaetano J. fejn gie ritenut li :-**

**"minn ezami tal-gurisprudenza rigward in-nullita' ta' appell, il-Qorti ta' l-Appell Kriminali waslet ghas-segwenti konkluzzjonijiet :-**

**(a) Bhala regola generali, l-artikolu 419 (1) , cioe' li r-rikors ghandu jkun fih it-talba ghat-thassir** jew **ghat-tibdil tas-sentenza , giet "*very strictly and rigidly interpreted*" - ("**The Police vs. John Hill"**, Criminal Appeal, [23.9.1972]**

**(b) ghalkemm il-ligi titkellem dwar talba ghat-thassir jew ghal tibdil , fil-prassi ta' din il-Qorti dejjem gie accettat, fil-kazijiet li hekk jippermettu, li jkun hemm kemm talba ghat-thassir kif ukoll talba ghat-tibdil , PURCHE' LI DIN IT-TALBA TKUN SUBORDINATA GHALL-EWWEL WAHDA (emfasi ta' din il-Qorti). In fatti ,anki jekk jintalab biss it-thassir , din il-Qorti tista' flok thassar ghal kollox is-sentenza u konsegwentement tillibera lill-appellant jew issib hati lill-appellat - skond min ikun appella - tilqa' l-appell in parti u tbiddel is-sentenza , per ezempju limitatament ghall-piena inflitta fuq l-appellant .** Mill-banda l-ohra , jekk is-sentenza appellata tkun in parti sabet hati lill-appellant u in parti illiberatu minn xi akkuzi jew imputazzjonijiet , gie dejjem ritenut li jekk flok talba ghat-tibdil issir talba ghat-thassir , ir-rikors ikun null. **" (emfasita' din il-Qorti), (**Pul.vs. Anthony Zammit **, [1.10.60], Vol. XLIV , iv. p.940;** Pul. vs. Richard Vincenti Kind **, App. Krim. [16.9.72];** Pul. vs. Carmelo Agius **, App. Krim. 14.10.1972).**

**Illi sentenzi ohra li minnhom kienu jemergu dawn il-principji huma : "**La Polizia vs. Ernesto Laiviera**", [18.10.1930] ; Vol. XXVII , iv. P.829; "**La Polizia vs Carmelo Carabott et**." [8.11.1933], Vol. XXVIII, iv. P.205;** Pulizija vs. Francis Saviour Zammit Cutajar **, App.Krim. [23.1.1971];** Pulizija vs. Carmelo Farrugia et. **App. Krim. [11.11.1976] ;** Pulizija vs. Carmelo sive Lino Scicluna **, App. Krim.[ 1.9.1977];** Pulizija vs. Victor Anthony Camilleri et **,[ 26.4.1985]**; Pulizija vs. Anthony Zammit **[1.10.1960] Vol. XLIV , iv. P.940** ; Pulizija vs. Richard

Vincenti Kind , **App. Krim. [16.9.1972] ;** Pulizija vs. Carmelo Agius **App. Krim. [14.10.1972];** Pulizija vs. Emmanuel Bonnici **, App. Krim. [5.10.1990];** Pulizija vs. Joseph Desira **[18.3.1972]** ; Pulizija vs. Crusifix Buttigieg **, [18.3.1972]; u** Pulizija vs. John Vella Chritien **App. Krim. [6. 5. 1972] u** Il-Pulizija vs. Jesmond Farrugia **[13.2.2001].**

**Illi fid-dawl tal-gurisprudenza fuq citata , ghandha tintalab ir-revoka** JEW **ir-riforma w fil-fatt hekk tghid il-ligi fl-artikolu fuq citat .**

**Ghalhekk fil-kaz in ezami, ladarba l-appellant ma kienx gie misjub hati tal-akkuzi kollha dedotti kontra tieghu ghaliex ma nstabx hati w gie liberat mit-tieni imputazzjoni, hu kellu jitlob ir-riforma tas-sentenza appellata w mhux ir-revoka, fejn si tratta tal-htija ,kif ghamel fir-rikors in dizamina. Il-fatti li subordinatament talab ir-riforma biss in kwantu jirrigwarda l-piena , fil-fehma ta' din il-Qorti ma jsalvax ir-rikors mill-irritwalita' msemmija.**

**Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tiddikjara l-appell null u tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tieghu.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------